# ORJENTAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## LINJA GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-17 ta' Lulju 2009**

**li temenda l-Linja Gwida BĊE/2006/16 dwar il-qafas legali għar-rappurtar tal-kontabilità u dak finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali**

***(BĊE/2009/18)***

(2009/595/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn hawn 'il quddiem 'l-Istatut SEBĊ'), u b'mod partikolari l-Artikoli 12.1, 14.3 u 26.4,

Wara li kkunsidra l-kontribuzzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) skont it-tieni u t-tielet inċiżi tal-Artikolu 47.2 tal-Istatut tas-SEBĊ,

Billi:

(1) Il-Linja Gwida BĊE/2009/10 tas-7 ta' Mejju 2009 li temenda l-Linja Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Eurosistema [1], tippermetti aċċess għal operazzjonijiet tas-suq miftuħ u *standing facilities* ta' l-Eurosistema minn istituzzjonijiet ta' kreditu, li minħabba n-natura istituzzjonali speċifika tagħhom taħt il-liġi tal-Komunità, huma suġġetti għal skrutinju ta' livell li jitqabbel mas-superviżjoni mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(2) Id-Deċiżjoni BĊE/2009/16 tat-2 ta' Lulju 2009 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għax-xiri ta' bonds koperti [2] tipprovdi għat-twaqqif ta' programm għax-xiri ta' bonds koperti (*covered bonds*).

(3) Il-Linja Gwida BĊE/2006/16 tal-10 ta' Novembru 2006 dwar il-qafas legali għar-rappurtar tal-kontabilità u dak finanzjarju fis-Sistema Ewropea tal-Banek [3] għandha bżonn tiġi emendata biex tirrifletti dawn l-iżviluppi ta' politika,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA

*Artikolu 1*

**Emendi**

Il-Linja Gwida BĊE/2006/16 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 1(1) tiżdied id-definizzjoni li ġejja:

"(i) 'istituzzjoni ta' kreditu' tfisser jew: (a) istituzzjoni ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikoli 2 u 4(1)(a) tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (abbozzata mill-ġdid) (*), kif implimentata fil-liġi nazzjonali, li hija suġġetta għal superviżjoni minn awtorita' kompetenti; jew (b) istituzzjoni ohra ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 101(2) tat-Trattat li hija suġġetta għal skrutinju ta' livell li jitqabbel mas-superviżjoni minn awtorità kompetenti.

(*) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1."

(2) L-Annessi IV sa VIII tal-Linja Gwida BĊE/2006/16 huma emendati skont l-Anness ma' din il-Linja Gwida.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2009.

[1] ĠU L 123, 19.5.2009, p. 99.
[2] ĠU L 175, 4.7.2009, p. 18.
[3] ĠU L 348, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 3*

**Indirizzi**

Din il-Linja Gwida għandha tapplika għall-banek ċentrali kollha tal-Ewrosistema.

Magħmula fi Frankfurt am Main, is-17 ta’ Lulju 2009.

*Għall-Kunsill Governattivi tal-BĊE*
*Il-President tal-BĊE*
Jean-Claude TRICHET

*ANNESS*

L-Annessi IV sa VIII tal-Linja Gwida BĊE/2006/16 huma emendati kif ġej:

(1) It-tabella bl-isem "Attiv" fl-Anness IV għandha tinbidel b'dan li ġej:

"ATTIV

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| 1. | 1. | **Deheb u ammonti riċevibbli tad-deheb** | Deheb fiżiku (jiġifieri ingotti, muniti, *plates, nuggets* fħażna jew "under way"f'ħażna jew "under way".<br><br>Deheb mhux fiżiku, bħal ma huma bilanċi f'*gold sight accounts* (kontijiet mhux allokati), depożiti b'terminu u klejms biex jiġi rċevut deheb li jqumu mit-tranżazzjonijiet li ġejjin: transazzjonijiet ta' *upgrading* jew *downgrading* u *gold location* jew *purity swaps* fejn hemm differenza ta' aktar minn jum ta' negozju wieħed bejn ir-rilaxx u r-riċevuta | Valur tas-suq | Mandatorju |
| 2. | 2. | **Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija** | Klejms fuq kontropartijiet residenti barra ż-żona tal-euro inklużi istituzzjonijiet internazzjonali u sovranazzjonali u banek ċentrali barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija | | |
| 2.1. | 2.1. | **Ammonti riċevibbli mill-Fond Monetarju Internazzjonali** | (a) *Drittijiet ta' ġbid ta' flus ġewwa r-reserve tranche (net)*<br><br>Kwota nazzjonali mnaqqsa bil-bilanċi f'euro għad-disponibbilta tal-IMF. Il-kont Nru 2 ta' l-IMF (kont euro għal spejjeż amministrattivi) jista' jkun inkluż f'din il-pożizzjoni jew taħt l-element 'Passivi għal residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'euro" | (a) *Drittijiet ta' ġbid ta' flus ġewwa r-reserve tranche (net)*<br><br>Valur nominali, traduzzjoni skont ir-rata tas-suq tal-kambju | Mandatorju |
| | | | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus*<br><br>Holdings ta' drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus (gross) | (b) *Drittijiet speċjali ta' ġbid*<br><br>Valur nominali,traduzzjoni skont ir-rata tas-suq tal-kambju | Mandatorju |
| | | | (c) *Klejms oħrajn*<br><br>Ftehim ġenerali għal self (GAB), selfskont ftehim speċjali ta'self, depożiti ġewwa l-qafas tal-Faċilità għat-Tkabbir u t-Tnaqqis tal-Faqar (PRGF) | (c) *Klejms oħrajn*<br><br>Valur nominali, traduzzjoni skont ir-rata tas-suq tal-kambju | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Attiv | | |
| 2.2. | 2.2. | **Bilanċi ma' banek u investimenti ta' titoli, self estern u attiv estern ieħor** | (a) *Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro ħlief għal dawk taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'*<br><br>Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet reverse repo | (a) *Bilanċi ma' banek barra ż-żona tal-euro*<br><br>Valur nominali, traduzzjoni skont ir-rata tas-suq tal-kambju | Mandatorju |
| | | | (b) *Investimenti ta' titoli minbarra dawk taħt partita tal-attivi "Attiv finanzjarju ieħor" barra ż-żona tal-euro*<br><br>Karti u bonds, *bills, zero bonds,* strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli,strumenti ta' ishma azzjonarji miżmuma bħala parti mir-riżervi barranin kollha maħruġa minn residenti barra ż-żona tal-euro | (b)(i) *Titoli negozjabbli li ma jinżammux sal-maturità*<br><br>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità*<br><br>L-ispiża suġġetta għall-impairment u r-rata tal-kambju tas-suq<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(iii) *Titoli mhux negozjabbli*<br><br>L-ispiża suġġetta għall-impairment u r-rata tal-kambju tas-suq<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(iv) *Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli*<br><br>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju barrani | Mandatorju |
| | | | (c) *Self estern (depożiti) barra ż-żona tal-euro minbarra taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'* | (c) *Self estern*<br><br>Depożiti f'valur nominali tradotti bir-rata tas-suq tal-valuta barranija | Mandatorju |
| | | | (d) *Attivi estern ieħor*<br><br>Karti tal-flus u muniti mhux taż-żona tal-euro | (d) *Attivi estern ieħor*<br><br>Valur nominali, nominali tradott bir-rata tas-suq tal-valuta barranija | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ [1] | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni [2] |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Attiv | | |
| 3. | 3. | **Klejms fuq residenti fiż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija** | (a) *Investimenti ta' sigurtà ġewwa ż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'*<br><br>Karti u bonds, *bills, zero bonds*, strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli,strumenti ta' ishma azzjonarji mimuma bħala parti mir-riżervi barranin, kollha maħruġa minn residenti barra ż-żona tal-euro | (a)(i) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità*<br><br>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju barrani<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (a)(ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità*<br><br>L-ispiża suġġetta għall-impairment u r-rata tal-kambju tas-suq<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (a)(iii) *Titoli mhux negozjabbli*<br><br>L-ispiża suġġetta għall-impairment u r-rata tal-kambju tas-suq<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (a)(iv) *Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli*<br><br>Prezz tas-suq u rata tas-suq tal-kambju barrani | Mandatorju |
| | | | (b) *Klejms oħra fuq residenti fiż-żona tal-euro minbarra dawk taħt il-partita tal-attiv 'Attiv finanzjarju ieħor'*<br><br>Self, depożiti, tranżazzjonijiet repo reverse, self varju | (b) *Klejms oħrajn*<br><br>Depożiti u self ta' valur nominali ieħor, tradotti bir-rata tas-suq tal-valuta barranija | Mandatorju |
| 4. | 4. | **Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro iddenominati f' euro** | | | |
| 4.1. | 4.1. | **Bilanċi ma' banek investimenti ta' titoli u self** | (a) *Bilanċi ma' banek barra ż-żona ta' l-euro minbarra dawk taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'*<br><br>Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, flus minn jum għal jum. Tranżazzjonijiet repos b'lura inkonnessjoni mal-immaniġġjar ta' titoli ddenominati f'euro | (a) *Bilanci ma' banek barra ż-żona tal-euro*<br><br>Valur nominali | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| | | | (b) *Investimenti barra ż-żona tal-euro ta' titoli minbarra dawk taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'* Strumenti ta' ishma azzjonarji, karti u bonds, *bills, zero bonds,* strumenti tas-suq tal-flus negozjabbli, kollha maħruġa minn residenti barra ż-żona tal-euro | (b)(i) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità* Prezz tas-suq Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità* Spiża suġġetta għall-impairment Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(iii) *Titoli mhux negozjabbli* Spiża suġġetta għall-impairment Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (b)(iv) *Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli* Prezz tas-suq | Mandatorju |
| | | | (c) *Self barra ż-żona tal-euro minbarra taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor'* | (c) *Self barra ż-żona tal-euro* Deposits f'valur nominali | Mandatorju |
| | | | (d) *Titoli minbarra taħt il-partita 'Attiv finanzjarju ieħor', maħruġa minn entitajiet barra ż-żona tal-euro* Titoli maħruġa minn organizzazzjonijiet sovranazzjonali jew internazzjonali e.ż. il-BIE, irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom | (d)(i) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità* Prezz tas-suq Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (d)(ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità* Spiża suġġetta għall-impairment Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (d)(iii) *Titoli mhux negozjabbli* Spiża suġġetta għall-impairment Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| 4.2. | 4.2. | **Klejms li jqumu mill-faċilità ta' kreditu skont l-ERM II** | Self skont il-kundizzjonijiet ta' l-ERM II | Valur nominali | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| 5. | 5. | **Self lill-istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja denominati f'euro** | Elementi 5.1 sa 5.5: tranżazzjonijiet skont l-istrumenti rispettivi tal-politika monetarja deskritti fl-Anness I mal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu 2000, dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja tal-Eurosistema (3) | | |
| 5.1. | 5.1. | **Operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid** | Tranżazzjonijiet b'lura li jipprovdu likwidità regolari fi frekwenza ta' ġimgħa u normalment b'maturità ta' ġimgħa | Valur nominali jew spiża repo | Mandatorju |
| 5.2. | 5.2. | **Operazzjonijiet ta' finanzjament għal żmien twil** | Tranżazzjonijiet b'lura li jipprovdu likwidità regolari fi frekwenza ta' ġimgħa u normalment b'maturità ta' tliet xhur | Valur nominali jew spiża repo | Mandatorju |
| 5.3. | 5.3. | **Operazzjonijiet b'lura ta' irfinar** | Tranżazzjonijiet b'lura, eżegwiti bħala tranżazzjonijiet *ad hoc* għal skopijiet ta' irfinar | Valur nominali jew spiża repo | Mandatorju |
| 5.4. | 5.4. | **Operazzjonijiet b'lura strutturali** | Tranżazzjonijiet li jaġġustaw il-pożizzjoni strutturali tal-Eurosistema fil-konfront tas-settur finanzjarju | Valur nominali jew spiża repo | Mandatorju |
| 5.5. | 5.5. | **Faċilità marġinali ta' self** | Faċilità ta' likwidita *overnight* b'rata ta' imgħax speċifikata minn qabel kontra attiv eliġibbli (*standing facility*) | Valur nominali jew spiża repo | Mandatorju |
| 5.6. | 5.6. | **Krediti relatati ma'*margin calls*** | Kreditu addizzjonali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li jirriżultaw minn żidiet fil-valur ta' l-attiv bażi fir-rigward ta' kreditu ieħor lil dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu | Valur nominali jew spiża | Mandatorju |
| 6. | 6. | **Klejms oħrajn fuq istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro ddenominati f' euro** | Kontijiet kurrenti, depożiti fissi, flus minn jum għal jum, tranżazzjonijiet *repo* b'lura b'konnessjoni mal-immaniġġjar ta' portafolli ta' titoli taħt l-element tal-attiv "Titoli ta' residenti taż-żona tal-euro ddenominati f'euro", inklużi tranżazzjonijiet li jirriżultaw mit-trasformazzjoni ta' riżervi ta' qabel ta' valuta barranija taż-żona tal-euro u kljems oħra. Kontijiet korrispondenti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro mhux domestiċi. Klejms oħrajn u operazzjonijiet mhux relatati mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja tal-Eurosistema. Kwalunkwe klejms li jirriżultaw minn operazzjonijiet tal-politika monetarja inizjati minn BĊN qabel ma jissieħeb fl-Eurosistema | Valur nominali jew spiża | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Attiv | | |
| 7. | 7. | **Titoli ta' residenti fiż-żona tal-uro ddenominati f'euro** | | | |
| 7.1. | 7.1. | **Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja** | Titoli maħruġa fiż-żona ta' l-euro miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja | (i) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità*<br>Prezz tas-suq<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità*<br>Spiża suġġetta għall-impairment<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (iii) *Titoli mhux negozjabbli*<br>Spiża suġġetta għall-impairment<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| 7.2. | 7.2. | **Titoli oħra** | Titoli minbarra dawk taħt il-partita tal-attiv 7.1. 'Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja' u taħt il-partita tal-attiv 11.3 'Attiv finanzjarju ieħor'; karti tal-flus (*notes*) u bonds, *bills, zero bonds,* strumenti tas-suq tal-flus miżmuma għal kollox, inklużi titoli tal-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UME, iddenominati f'euro; ċertifikati ta' debitu tal-BĊE mixtrija għal skopijiet ta' irfinar. Strumenti ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji. | (i) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmuma sal-maturità*<br>Prezz tas-suq<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (ii) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmuma sal-maturità*<br>Spiża suġġetta għall-impairment<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (iii) *Titoli mhux negozjabbli*<br>Spiża suġġetta għall-impairment<br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Mandatorju |
| | | | | (iv) *Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli*<br>Prezz tas-suq | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| 8. | 8. | **Dejn tal-gvern ġenerali iddenominat fl-euro** | Klejms fuq il-gvern li jirriżultaw minn qabel l-UME (titoli mhux negozjabbli, self)) | Depożiti/self skont il-valur nominali, titoli mhux negozjabbli fil-prezz | Mandatorju |
| — | 9. | **Klejms interni għall-Eurosistema)** (+) | | | |
| — | 9.1. | **Interess parteċipanti fil-BĊE** (+) | Element tal-karta tal-bilanċ ta' BĊN biss<br><br>Is-sehem kapitali tal-BĊE f'kull BĊN skont it-Trattat, u l-iskema kapitali u l-kontribuzzjonijiet rispettivi skont l-Artikolu 49.2 ta' l-Istatut tas-SEBĊ | Spiża | Mandatorju |
| — | 9.2. | **Klejms ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin** (+) | Element tal-karta tal-bilanċ ta' xi BĊN biss Klejms iddenominati f'euro fuq il-BĊE fir-rigward ta' trasferimenti inizjali u addizjonali ta' riżervi barranin taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat | Valur nominali | Mandatorju |
| — | 9.3. | **Klejms relatati ma' *promissory notes* li jsotnu l-ħruġ ta' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE)** (+) | Element tal-karta tal-bilanċ tal-BĊE biss.<br><br>*Promissory notes* maħruġa minn BĊNi, minħabba ftehim *back-to-back* b'konnessjoni ma' ċertifikati ta' debitu tal-BĊE | Valur nominali | Mandatorju |
| — | 9.4. | **Klejms netti relatati mal-allokazzjoni tal-karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema** (+) | Għall-BCNi: klejm netta relatata mal-applikazzjoni tal-iskema tal-karti tal-flus i.e. inklużi l-bilanċi interni għall-Eurosistema relatati mal-ħarġa tal-karti tal-flus tal-BĊE, l-ammont kumpensatorju u t-tidħil tiegħu tal-kontabilità li tibbilanċja kif iddefinita bid-Deċiżjoni BĊE/2001/16 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri parteċipanti mis-sena finanzjarja 2002.<br><br>Għall-BĊE: klejms relatati mal-ħarġa tal-karti tal-flus tal-BĊE skont id-Deċiżjoni BĊE/2001/15 | Valur nominali | Mandatorju |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (*) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Attiv | | |
| — | 9.5. | **Klejms oħrajn ġewwa l-Eurosistema (netti)** (+) | Il-pożizzjoni netta tas-sotto-elementi li ġejjin: | | |
| | | | (a) klejms netti li jirriżultaw minn bilanċi ta' kontijiet TARGET 2 u kontijiet korrispondenti ta' BĊNi i.e. iċ-ċifra netta tal-klejms u l-passiv – ara wkoll l-element tal-passiv "Passiv ieħor ġewwa l-Eurosistema (nett)" | (a) Valur nominali | Mandatorju |
| | | | (b) klejm minħabba d-differenza bejn –id-dħul monetarju biex jiġi *pooled* u ddistribwit mill-ġdid. Rilevanti biss għall-perijodu bejn il-booking monetarju bħala parti mill-proċeduri fi tmiem is-sena, u l-ħlas tiegħu fl-aħħar jum ta' xogħol f'Jannar ta' kull sena | (b) Valur nominali | Mandatorju |
| | | | (c) klejms oħrajn interni għall-Eurosistema li jistgħu jirriżultaw, inkluża d-distribuzzjoni interim tad-dħul tal-BĊE mill-karti tal-flus euro lill-BĊNi (*) | (c) Valur nominali | Mandatorju |
| 9. | 10. | **Elementi waqt il-ħlas** | Bilanċi tal-kont ta' ħlas (klejms), inkluża l-*float* ta' ċekkijiet fil-ġbir | Valur nominali | Mandatorju |
| 9. | 11. | **Attiv ieħor** | | | |
| 9. | 11.1. | **Muniti taż-żona tal-euro** | Muniti euro jekk xi BĊN mhuwiex il-persuna legali li toħroġhom | Valur nominali | Mandatorju |
| 9. | 11.2. | **Attiv fiss tanġibbli u mhux tanġibbli** | Art u bini, għamara u tagħmir inkluż tagħmir tal-kompjuter, *software* | Spiża mnaqqsa bid-deprezzament<br><br>Rati ta' Deprezzament:<br><br>— kompjuters u *hardware/software* relatat u vetturi b'mutur:<br>4 snin<br><br>— tagħmir, għamara u impjant fil-bini:<br>10 snin<br><br>— bini u spiża prinċipali ta' rrinovar ikkapitalizzata:<br>25 sena<br><br>Kapitalizzazzjoni tal-ispiża: limitu bbażat (anqas minn EUR 10 000 eskluża l-VAT: l-ebda kapitalizzazzjoni) | Irrikkmandat |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ [1] | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni [2] |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| 9. | 11.3. | **Attiv finanzjarju ieħor** | — Interessi ta' parteċipazzjoni u investimenti f'sussidjarji; ishma azzjonarji miżmumin għal raġunijiet strateġiċi/ta' politika | (a) *Strumenti ta' ishma azzjonarji negozjabbli*<br><br>Prezz tas-suq | Irrikkmandat |
| | | | — Titoli, inkluż ishma azzjonarji, u strumenti u bilanċji oħra finanzjarji (eż. depożiti fissi u kontijiet kurrenti), miżmumin bħala portafoll *earmarked* | (b) *Interessi parteċipanti u ishma azzjonarji illikwidi, u kull strument ta' ishma azzjonarji miżmum bħala investimenti permanenti*<br><br>Spiża suġġetta għall-impairment | Irrikkmandat |
| | | | — Tranżazzjonijiet repos b'lura ma' istituzzjonijiet ta' kreditu b'konnessjoni mal-immaniġġjar tal-portafolli ta' titoli taħt dan l-element | | |
| | | | | (c) *Investiment f'sussidjarji jew interessi sinifikanti*<br><br>Valur ta' l-attiv nett | Irrikkmandat |
| | | | | (d) *Titoli negozjabbli minbarra dawk miżmumin sal-maturità*<br><br>Prezz tas-suq<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Irrikkmandat |
| | | | | (e) *Titoli negozjabbli kklassifikati bħala miżmumin sal-maturità jew miżmumin bħala investiment permanenti*<br><br>Spiża suġġetta għall-impairment<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Irrikkmandat |
| | | | | (f) *Titoli mhux negozjabbli*<br><br>Spiża suġġetta għall-impairment<br><br>Kull premium jew skont jiġi ammortizzat | Irrikkmandat |
| | | | | (g) *Bilnanci mal-banek u mas-self*<br><br>Valur nominali, tradotti bir-rata tas-suq tal-valuta barranija jekk il-bilanċi jew id-depożiti huma ddenominati f'valuti barranin | Irrikkmandat |

| Element tal-Karta tal-Bilanċ (1) | | | Kategorizzazzjoni tal-kontenut tal-elementi tal-karta tal-bilanċ | Prinċipju ta' valutazzjoni | Skop ta' applikazzjoni (2) |
|---|---|---|---|---|---|
| Attiv | | | | | |
| 9. | 11.4. | **Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *offbalance sheet*** | Riżultati ta' valutazzjoni ta' *forwards* tal-kambju, *swaps* tal-kambju, *swaps* tar-rata tal-imgħax, ftehim tar-rata bil-quddiem, tranżazzjonijiet bil-quddiem f'titoli, tranżazzjonijiet *spot* tal-kambju mid-data tan-negozju għad-data tal-ħlas | Pożizzjoni netta bejn *forward* u *spot*, skont ir-rata tas-suq tal-kambju | Mandatorju |
| 9. | 11.5. | **Akkumulazzjonijiet u spejjeż imħallsa minn qabel** | Dħul mhux dovut, imma assenjabbli lill-perijodu rrappurtat. Spejjeż u imgħax akkumulat imħallsa minn qabel (jiġifieri imgħax akkumulat mixtri b'titolu) | Valur nominali, kambju tradott skont ir-rata tas-suq | Mandatorju |
| 9. | 11.6. | **Oħrajn** | *Advances*, self, elementi oħra minuri. Kontijiet ta' *suspense* ta' valutazzjoni (l-element tal-karta tal-bilanċ biss matul is-sena: telf mhux realizzat fid-dati ta' rivalutazzjoni matul is-sena, li mhumiex koperti mill-kontijiet rispettivi taħt l-element tal-passiv "Kontijiet ta' rivalutazzjoni"). Self fuq bażi ta' trust. Investimenti relatati ma' depożiti f'deheb tal-konsumaturi. Muniti ddenominati f'unitajiet tal-valuta nazzjonali taż-żona tal-euro. Spiża kurrenti (telf akkumulat nett), telf tas-sena ta' qabel qabel il-kopertura. Attiv tal-pensjoni nett | Valur nominali jew spiża<br><br>*Kontijiet ta' suspense ta' rivalutazzjoni*<br><br>Differenza ta' rivalutazzjoni bejn l-ispiża medja u l-valur tas-suq, il-kambju imfisser skont ir-rata tas-suq<br><br>*Investimenti relatati ma' depożiti f'deheb tal-konsumaturi*<br><br>Valur tas-suq | Irrikkmandat<br><br>*Kontijiet ta' suspense ta' rivalutazzjoni:* mandatorju<br><br>*Investimenti relatati ma' depożiti f'deheb tal-konsumaturi:* mandatorju |
| — | 12. | **Telf għas-sena** | | Valur nominali | Mandatorju |

(1) L-enumerazzjoni fl-ewwel kolonna għandha x'taqsam mal-formati tal-karta tal-bilanċ V, VI u VII (stqarrijiet ta' kull ġimgħa u l-karta tal-bilanċ annwali kkonsolidata tal-Eurosistema). L-enumerazzjoni fit-tieni kolonna għandha x'taqsam mal-format tal-karta tal-bilanċ mogħti fl-Anness VIII (karta tal-bilanċ annwali tal-bank ċentrali). Il-partiti mmarkati b'+') huma kkonsolidati fl-istqarrijiet ta' kull ġimgħa tal-Eurosistema.

(2) Ir-regoli tal-kompożizzjoni u ta' valutazzjoni elenkati f'dan l-Anness huma kkunsidrati mandatorji għall-kontijiet tal-BĊE u għall-attiv u l-passiv materjali kollha fil-kontijiet tal-BĊN għall-finijiet tal-Eurosistema, jiġifieri materjali għall-operazzjoni tal-Eurosistema.

(3) ĠU L 310, 11.12.2000, p. 1."

(2) It-tabella msejħa "Stqarrija finanzjarja kkonsolidata ta' kull ġimgħa ta' l-Eurosistema: format li għandu jintuża għall-pubblikazzjoni wara tmiem it-trimestru" fl-Anness V għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

**"Stqarrija finanzjarja kkonsolidata ta' kull ġimgħa ta' l-Eurosistema: format li għandu jintuża għall-pubblikazzjoni wara tmiem it-trimestru**

*(EUR miljun)*

| Attiv [1] | Bilanċ f' … | Differenza mqabbla mal-ġimgħa l-oħra minħabba | | Passiv | Bilanċ f' … | Differenza mqabbla mal-ġimgħa l-oħra minħabba | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Tranżazzjonijiet | Aġġustamenti ta' tmiem it-trimestru | | | Tranżazzjonijie | Aġġustamenti ta' tmiem it-trimestru |
| 1. Deheb u ammonti riċevibbli ta' deheb | | | | 1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | | | |
| 2. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija | | | | 2. Passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | | |
| 2.1. Ammonti riċevibbli mill-IMF | | | | 2.1. Kontijiet kurrenti li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi. | | | |
| 2.2. Bilanċi ma' banek u investimenti ta' titoli, self estern u attiv estern ieħor | | | | 2.2. Faċilita' ta' depożitu | | | |
| 3. Klejms fuq residenti taż-żona euro iddenominati f'valuta barranija | | | | 2.3. Depożiti fissi | | | |
| 4. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | | 2.4. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | | |
| 4.1. Bilanċi ma' banek, investimenti ta' titoli u self | | | | 2.5. Depożiti relatati ma' *margin calls* | | | |
| 4.2. Klejms li jqumu mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | | | 3. Passiv ieħor lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | | |
| 5. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | | | 4. Ċertifikati ta' dejn maħruġa | | | |
| 5.1. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid prinċipali | | | | 5. Passiv lil residenti oħra taż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | | |
| 5.2. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq żmien twil | | | | 5.1. Gvern ġenerali | | | |
| 5.3. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | | | 5.2. Passiv ieħor | | | |
| 5.4. Operazzjonijiet b'lura strutturali | | | | 6. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | | |
| 5.5. Faċilita' ta' self marġinali | | | | 7. Passiv lil residenti taż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | | |
| 5.6. Krediti relatati ma' *margin calls* | | | | 8. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | | |
| 6. Klejms oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | | 8.1. Depożiti, bilanċi u passiv ieħor | | | |
| 7. Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | | 8.2. Passiv li jqum mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | | |
| 7.1. Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja | | | | 9. Kontroparti ta' *special drawing rights* allokati mill-IMF | | | |
| 7.2. Titoli oħra | | | | 10. Passiv ieħor | | | |
| 8. Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat fl-euro | | | | 11. Kontijiet ta' rivalutazzjoni | | | |
| 9. Attiv ieħor | | | | 12. Kapital u riżervi | | | |
| Total tal-attiv | | | | Total tal-passiv | | | |

It-totali/sub-totali jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib *rounding*..

[1] It-tabella ta' l-attiv tista' tiġi ppublikata wkoll fuq it-tabella tal-passiv."

(3) It-tabella msejha "Stqarrija finanzjarja kkonsolidata ta' kull ġimgħa ta' l-Eurosistema: format li għandu jintuża għall-pubblikazzjoni matul it-trimestru" fl-Anness VI għandha tiġi sostitwita b'li ġej:

"**Stqarrija finanzjarja kkonsolidata ta' kull ġimgħa ta' l-Eurosistema: format li għandu jintuża għall-pubblikazzjoni matul it-trimestru**

*(EUR miljun)*

| Attiv ([1]) | Bilanċ f' … | Differenza mqabbla ma' l-aħħar ġimgħa minħabba tranżazzjonijiet | Passiv | Bilanċ f' … | Differenza mqabbla mal-ġimgħa l-oħra minħabba tranżazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Deheb u ammonti riċevibbli ta' deheb<br>2. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija<br>2.1. Ammonti riċevibbli mill-IMF<br>2.2. Bilanċi ma' banek u investimenti ta' titoli, self estern u attiv estern ieħor<br>3. Klejms fuq residenti taż-żona euro iddenominati f'valuta barranija<br>4. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati fl-euro<br>4.1. Bilanċi ma' banek, investimenti ta' titoli u self<br>4.2. Klejms li jqumu mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II<br>5. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro<br>5.1. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid prinċipali<br>5.2. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq żmien twil<br>5.3. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar<br>5.4. Operazzjonijiet b'lura strutturali<br>5.5. Faċilita' ta' self marġinali<br>5.6. Krediti relatati ma' *margin calls*<br>6. Klejms oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro<br>7. Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro<br>7.1. Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja<br>7.2. Titoli oħra<br>8. Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat fl-euro<br>9. Attiv ieħor | | | 1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni<br>2. Passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro<br>2.1. Kontijiet kurrenti li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi.<br>2.2. Faċilita' ta' depożitu<br>2.3. Depożiti fissi<br>2.4. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar<br>2.5. Depożiti relatati ma' *margin calls*<br>3. Passiv ieħor lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominat fl-euro<br>4. Ċertifikati ta' dejn maħruġa<br>5. Passiv lil residenti oħra taż-żona tal-euro ddenominat fl-euro<br>5.1. Gvern ġenerali<br>5.2. Passiv ieħor<br>6. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat fl-euro<br>7. Passiv lil residenti taż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija<br>8. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija<br>8.1. Depożiti, bilanċi u passiv ieħor<br>8.2. Passiv li jqum mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II<br>9. Kontroparti ta' *special drawing rights* allokati mill-IMF<br>10. Passiv ieħor<br>11. Kontijiet ta' rivalutazzjoni<br>12. Kapital u riżervi | | |
| Total tal-attiv | | | Total tal-passiv | | |

It-totali/sub-totali jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib *rounding*..

([1]) It-tabella ta' l-attiv tista' tiġi ppublikata wkoll fuq it-tabella tal-passiv."

(4) It-tabella msejħa "Stqarrija finanzjarja kkonsolidata annwali ta' l-Eurosistema" fl-Anness VII hija sostitwita b'li ġej:

**"Stqarrija finanzjarja kkonsolidata annwali ta' l-Eurosistema**

*EUR miljun.*

| Attiv [1] | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel | Liabilities | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Deheb u ammonti riċevibbli ta' deheb | | | 1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni | | |
| 2. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija | | | 2. Passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | |
| 2.1. Ammonti riċevibbli mill-IMF | | | 2.1. Kontijiet kurrenti li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi. | | |
| 2.2. Bilanċi ma' banek u investimenti ta' titoli, self estern u attiv estern ieħor | | | 2.2. Faċilita' ta' depożitu | | |
| 3. Klejms fuq residenti taż-żona euro iddenominati f'valuta barranija | | | 2.3. Depożiti fissi | | |
| 4. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 2.4. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | |
| 4.1. Bilanċi ma' banek, investimenti ta' titoli u self | | | 2.5. Depożiti relatati ma' *margin calls* | | |
| 4.2. Klejms li jqumu mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | | 3. Passiv ieħor lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | | 4. Ċertifikati ta' dejn maħruġa | | |
| 5.1. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid prinċipali | | | 5. Passiv lil residenti oħra taż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5.2. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq żmien twil | | | 5.1. Gvern ġenerali | | |
| 5.3. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | | 5.2. Passiv ieħor | | |
| 5.4. Operazzjonijiet b'lura strutturali | | | 6. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5.5. Faċilita' ta' self marġinali | | | 7. Passiv lil residenti taż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 5.6. Krediti relatati ma' *margin calls* | | | 8. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 6. Klejms oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 8.1. Depożiti, bilanċi u passiv ieħor | | |
| 7. Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 8.2. Passiv li jqum mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | |
| 7.1. Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja | | | 9. Kontroparti ta' *special drawing rights* allokati mill-IMF | | |
| 7.2. Titoli oħra | | | 10. Passiv ieħor | | |
| 8. Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat fl-euro | | | 11. Kontijiet ta' rivalutazzjoni | | |
| 9. Attiv ieħor | | | 12. Kapital u riżervi | | |
| Total tal-attiv | | | Total tal-passiv | | |

It-totali/sub-totali jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib *rounding*..

(1) It-tabella ta' l-attiv tista' tiġi ppublikata wkoll fuq it-tabella tal-passiv."

(5) It-tabella msejħa "Karta tal-bilanċ annwali ta' bank ċentrali" fl-Anness VIII hija sostitwita b'li ġej:

"**Karta tal-bilanċ annwali ta' bank ċentrali** ([1])

*EUR miljun.* ([2])

| Attiv ([3]) | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel | Passiv | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. Deheb u ammonti riċevibbli ta' deheb | | | 1. Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni *. | | |
| 2. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati f'valuta barranija | | | 2. Passiv lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | |
| 2.1. Ammonti riċevibbli mill-IMF | | | 2.1. Kontijiet kurrenti li jkopru s-sistema ta' riżervi minimi. | | |
| 2.2. Bilanċi ma' banek u investimenti ta' titoli, self estern u attiv estern ieħor | | | 2.2. Faċilita' ta' depożitu | | |
| 3. Klejms fuq residenti taż-żona euro iddenominati f'valuta barranija | | | 2.3. Depożiti fissi | | |
| 4. Klejms fuq residenti barra ż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 2.4. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | |
| 4.1. Bilanċi ma' banek, investimenti ta' titoli u self | | | 2.5. Depożiti relatati ma' *margin calls* | | |
| 4.2. Klejms li jqumu mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | | 3. Passiv ieħor lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5. Self lil istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro relatat mal-operazzjonijiet tal-politika monetarja ddenominat fl-euro | | | 4. Ċertifikati ta' dejn maħruġa | | |
| 5.1. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid prinċipali | | | 5. Passiv lil residenti oħra taż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5.2. Operazzjonijiet ta' iffinanzjar mill-ġdid fuq żmien twil | | | 5.1. Gvern ġenerali | | |
| 5.3. Operazzjonijiet b'lura ta' rfinar | | | 5.2. Passiv ieħor | | |
| 5.4. Operazzjonijiet b'lura strutturali | | | 6. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat fl-euro | | |
| 5.5. Faċilita' ta' self marġinali | | | 7. Passiv lil residenti taż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 5.6. Krediti relatati ma' *margin calls* | | | 8. Passiv lil residenti barra ż-żona tal-euro ddenominat f'valuta barranija | | |
| 6. Klejms oħra fuq istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 8.1. Depożiti, bilanċi u passiv ieħor | | |
| 7. Titoli ta' residenti fiż-żona tal-euro ddenominati fl-euro | | | 8.2. Passiv li jqum mill-faċilita' ta' kreditu taħt l-ERM II | | |
| 7.1. Titoli miżmuma għal finijiet ta' politika monetarja | | | 9. Kontroparti ta' *special drawing rights* allokati mill-IMF | | |
| 7.2. Titoli oħra | | | | | |
| 8. Dejn tal-gvern ġenerali ddenominat fl-euro | | | | | |

*EUR miljun.* (2)

| Attiv (3) | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel | Passiv | Sena ta' rappurtar | Sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|
| 9. Klejms ġewwa l-Eurosistema | | | 10. Passiv ġewwa l-Eurosistema | | |
| 9.1. Interess parteċipanti fil-BĊE | | | 10.1. Passiv ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | | |
| 9.2. Klejms ekwivalenti għat-trasferiment ta' riżervi barranin | | | 10.2. Passiv relatat ma' *promissory notes* li jirrinfurzaw il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | | |
| 9.3. Klejms relatati ma' *promissory notes* li jirrinfurzaw il-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE | | | 10.3. Passiv nett relatat ma' l-allokazzjoni ta' karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema *. | | |
| 9.4. Klejms netti relatati ma' l-allokazzjoni ta' karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema *. | | | 10.4. Passiv ieħor ġewwa l-Eurosistema nett. *. | | |
| 9.5. Klejms oħra fl-Eurosistema netti. *. | | | 11. Partiti matul il-ħlas *settlement*. | | |
| 10. Partiti matul il-ħlas *settlement*. | | | 12. Passiv ieħor | | |
| 11. Attiv ieħor | | | 12.1. Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *off-balance sheet* | | |
| 11.1. Muniti taż-żona ta' l-euro | | | 12.2. Akkrexximenti u dħul miġbur minn qabel *. | | |
| 11.2. Attiv fiss tanġibbli u mhux tanġibbli | | | 12.3. Oħrajn | | |
| 11.3. Attiv finanzjarju ieħor | | | 13. Provvedimenti | | |
| 11.4. Differenzi ta' rivalutazzjoni ta' strumenti *off-balance sheet* | | | 14. Kontijiet ta' rivalutazzjoni | | |
| 11.5. Akkrexximenti u spejjeż imħallsa minn qabel *. | | | 15. Kapital u riżervi | | |
| 11.6. Oħrajn | | | 15.1. Kapital | | |
| 12. Telf għas-sena | | | 15.2. Riżervi | | |
| | | | 16. Profitt għas-sena | | |
| Total tal-attiv | | | Total tal-passiv | | |

It-totali/sub-totali jistgħu ma jaqblux minħabba t-tqarrib *rounding*..

(1) Il-pubblikazzjoni dwar il-karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni, ir-remunerazzjoni tal-klejms/passiv netti ta' ġewwa l-Eurosistema li tirriżulta mill-allokazzjoni ta' karti tal-flus euro ġewwa l-Eurosistema, u d-dħul monetarju, għandhom ikunu armonizzati fl-istqarrijiet finanzjarji annwali ppubblikati tal-BĊNi. Il-partiti li għandhom jiġu armonizzati huma indikati b'asterisk fl-Annessi IV, VIII u IX.

(2) Il-banek ċentrali jistgħu minflok jippubblikaw ammonti eżatti tal-euro, jew ammonti mqarrba b'mod differenti.

(3) It-tabella ta' l-attiv tista' tiġi ppublikata wkoll fuq it-tabella tal-passiv."